**FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 13 ta' Ġunju, 2017**

**Talba Nru: 65/2017PA**

**John Borg**

**vs**

**Floriana Football Club**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-30 ta' Jannar 2017 li permezz tiegħu l-attur ippremetta li skond ftehim (li kopja tiegħu giet preżentata mal-Avviż tat-Talba, fol.2-3), il-konvenut Floriana Football Club irċieva erbat elef Ewro (€4,000) bħala self mingħajr imgħax mingħand l-attur; li skond il-ftehim, l-intimat kellu jħallas l-ammont lill-attur meta l-intimat jirċievi l-ammont dovut lilu mill-UEFA (*tramite* l-MFA) bħala sehem għal perteċipazzjoni tiegħu f'xi kompetizzjoni Ewropea; li l-intimat ipparteċipa f'kompetizzjoni Ewropea u rċieva flus u għalhekk l-attur talab li dan it-Tribunal jikkundannah iħallas l-ammont dovut, bl-imgħax u bl-ispejjeż inkluż dawk ta' ittra uffiċjali.

Ra d-dokumenti annessi mal-Avviż tat-Talba (fol. 2 u 3), konsistenti f'żewġ ftehimi privati datati 31 ta' Marzu 2012 li permezz tagħhom l-attur, li dak iż-żmien kien

Viċi-President tal-Club konvenut, silef is-somma ta' €3,500 u €500 lill-istess konvenut, mingħajr imgħax biex bihom jitħallsu djun tal-Club konvenut, liema self kellu jintradd lura mill-Club konvenut lill-attur *'meta dawn ta' l-aħħar jirċievu l-ammont dovut lilhom mill-UEFA (tramite l-MFA) – bħala s-sehem għal parteċipazzjoni tagħhom f'xi kompetizzjoni Ewropea, dejjem jekk ikun il-każ li FFC jipparteċipaw f'xi kompetizzjoni msemmija.'*

Ra li l-konvenut, debitament notifikat bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ, baqa' ma ppreżentatx risposta, u lanqas deher biex jikkontesta l-kawża.

Ra li fl-udjenza tat-30 ta' Mejju 2017, l-attur preżenta Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut, li bih ried jipprova bil-ġurament tar-rappreżentant tal-konvenut li huwa debitur tiegħu fis-somma u għar-raġunijiet indikati fl-Avviż.

Ra li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenża tallum għas-subizzjoni tal-konvenut.

Ra li, minkejja dan, ma deher ebda rappreżentant tal-konvenut biex jiċħad il-mistoqsija magħmula lilha in subiżżjoni, u biex jikkontesta l-kawża.

Qies għalhekk dan il-Kapitolu bħala moqri u mistqarr.

Ikkunsidra illi, għalkemm il-prova bil-mezz tas-subizzjoni għandha mill-ammissjoni tal-konvenut għat-talba kif impustata (ara **Joseph Gaffarena et vs Mixer Limited et**, Appell, 16.04-2004), it-Tribunal xorta waħda irid jikkunsidra jekk it-talba attriċi tinsabx suffiċjentement pruvata, fuq bilanċ ta' probabilita', wara jqis il-provi kollha prodotti quddiemu.

Kwantu għall-imgħax, għalkemm l-attur semma fl-Avviż tat-Talba li kien interpella lill-konvenut permezz ta' ittra uffiċjali biex iħallas l-ammont mitlub, ma saret ebda prova tal-istess interpellanza. Billi lanqas ma ġie pruvat li dan is-self kien *'att tal-kummerċ'* jew li l-attur huwa *'kummerċjant'*, kif stipulat fl-.**art. 4** sa **7** tal-**Kodiċi tal-**

**Kummerċ** (Kap.13), konsegwentement japplika f'dan il-każ id-dispost tal-**art. 1141(2)** tal-**Kodiċi Ċivili** (Kap.16), b'effett mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din il-kawża billi jilqa' limitatament it-talba tal-attur, u jikkundanna lill-konvenut iħallsu s-somma ta' erbat elef Ewro (€4,000), bl-imgħax legali mit-30 ta' Jannar 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Pħyllis Aquilina LL.D.**
**Ġudikatur**